

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-30 ta' Novembru 2009

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Antigwa u Barbuda dwar l-eżenzjoni mill-viża għal perjodu qasir

(2009/896/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-punt 2(b)(i) tal-Artikolu 62, flimkien mal-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni nneozjat Ftehim, fisem il-Komunità Ewropea, mal-Antigwa u Barbuda dwar l-eżenzjoni mill-viża għal perjodu qasir (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim").
- (2) Il-Ftehim ġie iffirmat, fisem il-Komunità, fit-28 ta' Mejju 2009 u ġie applikat provviżorjament minn dik id-data, suġġett għall-konklużjoni tiegħu aktar tard, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/478/KE ⁽²⁾.
- (3) Il-Ftehim għandu jiġi approvat.
- (4) Il-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt għall-ġestjoni tal-Ftehim, li għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess. Huwa xieraq li jsir provvediment għal proċedura simplifikata għall-istabbiliment tal-pożizzjoni Komunitarja dwar l-adozzjoni ta' dawk ir-regoli ta' proċedura.
- (5) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità

Ewropea, u, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 tal-imsemmi Protokoll, dawn l-Istati Membri mhumiex jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhumiex marbuta minnha jew suġġetti għall-applikazzjoni tagħha,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Antigwa u Barbuda dwar l-eżenzjoni mill-viża għal perjodu qasir ⁽³⁾ huwa b'dan approvat fisem il-Komunità.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 8(1) tal-Ftehim ⁽⁴⁾.

Artikolu 3

Il-Komunità għandha tkun rappreżentata mill-Kummissjoni, meġhuna minn esperti mill-Istati Membri, fil-Kumitat Konġunt ta' esperti stabbilit mill-Artikolu 6 tal-Ftehim.

Artikolu 4

Il-pożizzjoni tal-Komunità fi ħdan l-Kumitat Konġunt ta' esperti dwar l-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu kif meħtieġ taħt l-Artikolu 6(4) tal-Ftehim għandha tittieħed mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni ma' kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2009.

Għall-Kunsill

Il-President

B. ASK

⁽¹⁾ Opinjoni tal-20 ta' Ottubru 2009 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ ĠU L 169, 30.6.2009, p. 1.

⁽³⁾ Għat-test tal-Ftehim ara ĠU L 169, 30.6.2009, p. 3.

⁽⁴⁾ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim se tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill.